FONTANA

Minuti tat-tmintax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 27 ta` Settembru 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

Korrispondenza

Is-Sur Pierre Cuschieri ta` *John G. Cassar Ltd.* bagħat *e-mail* dwar is-*safety-tiles*. Il-Kunsill ġie nfurmat illi s-*safety-tiles* l-ġodda li għandhom huma mmanifatturati mill-istess materjal tas-*sample*. Id-differenza tas-*safety tile* l-ġdida mis-*sample* hija minn taħt. Is-Sur Cuschieri talab lill-Kunsill sabiex jibgħatlu l-*letter of acceptance* sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-*performance bond*. Is-Sindku qal illi huwa ħa parir, u ġie nfurmat illi din l-offerta trid taqa` peress li dawn is-*safety carpets* mhumiex l-istess bħas-*sample* li ntwera waqt l-aġġudikazzjoni ta` l-offerta. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal illi għandha tintbagħat ittra lil J*ohn G. Cassar Ltd.* sabiex jiġi nfurmat b`dan u kopja lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-offerta terġa` toħroġ mill-ġdid.
Is-Sur Ruben Curmi tal-*Gozo Cottage* bagħat korrispondenza dwar il-proġett *'Gaulos'*. Dan il-proġett li jinkludi fost l-oħrajn tħawwil ta` 10,000 siġra taż-żebbuġ f`Għawdex bil-prezz ta` Lm2.25,0 il-waħda. *Gozo Cottage* ser joffri siġra taż-żebbug b`xejn lill-Kunsill li tiswa Lm16 għal kull 100 siġra mħawla fil-lokal. *Gozo Cottage* infurmat lill-Kunsill illi jista` jagħti sussidju jew jagħmel il-qliegħ minn dawn is-siġar. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi l-prezz ta` Lm2.25,0 il-waħda huwa għoli. Is-Sindku qal illi l-prezz mhux għoli. Il-Kunsill qabel illi jibgħat avviż lir-residenti dwar il-bejgħ ta` dawn is-siġar.
Fr. George Bezzina, Kappillan tal-Fontana, bagħat ittra li permezz tagħha stieden u offra lill-Kunsill programm fil-ġimgħa ta` 30 jew 60 minuta fuq 'Radju Sacro Cuor' matul l-iskeda l-ġdida bejn is-6 t`Ottubru u s-7 ta` Jannar 2007. Is-Sindku qal illi din l-ittra ntbagħtet wara li l-Kappillan talab ittra dwar dan ir-Radju sabiex tintbagħat lill-Awtorita' tax-Xandir għar-raġuni li fil-Kunsill preċedenti s-Sindku kien kiteb lill-Awtorita' tax-Xandir li l-Kunsill kien lest li jkompli joffri s-servizz tiegħu biex ir-radju jkun ta` ġid u benefiċċju għas-semmiegħa. Is-Sindku qal illi dan mhux minnu peress li l-Kunsill qatt ma ta l-ebda servizz għar-raġuni li qatt ma kellu programm fuq ir-radju, għalhekk huwa mhux lest li jikteb ittri simili u tħalliet biex tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk il-Kunsill hux ser itella' programm fuq ir-'Radju Sacro Cour' u ma kien hemm l-ebda

kummenti. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel illi jikteb ittra lill-Awtorita' fejn jinfurmaha li ġie offrut programm u li jaqbel max-xandir tar-radju għaliex qed ikun ta` ġid u benefiċċju għas-semmiegħa.

Ms. MaryRose Francica ta` *Europe Direct* infurmat lill-Kunsill illi dwar is-safra kulturali għall-anzjani, li tista sseħħ taħt *"Council Twinning Agreement"*, ser tgħaddi l-informazzjoni lis-Sur Angelo Camilleri, kollega tagħha, sabiex jikkuntattja lill-Kunsill u jagħtih aktar dettalji kif il-Kunsill jista' japplika.

Il-*payzone co-operative ltd.* bagħtet korrispondenza dwar il-bidla fis-sistema tal-*cardphones* tal-*maltacom p.l.c.*

Is-Sur David Soler, Uffiċċjal Awtorizzat, informa lill-Kunsill illi l-bilanċ pożittiv li għandu l-istess Kumitat Konġunt ser jiġi utilizzat fil-kampanja edukattiva. Is-sigħat li ser jiġu utilizzati f`din il-kampanja ser jinqasmu bejn il-Kunsilli Lokali proporzjonalment skond it-taħrikiet li ngħataw fil-lokalita' fl-aħħar ħames snin.

Dwar id-duħħan eċċessiv mill-vetturi s-Sur Soler informa lill-Kunsill illi t-testijiet ma jistgħux isiru qalb l-abitat kif kien talab il-Kunsill għax waqt li qed isir it-test jista' jkun hemm ammont konsiderevoli ta` duħħan. Il-gwardjani responsabbli minn dawn it-testijiet mhumiex gwardjani tar-rotta iżda gwardjani speċjalizzati u mqabbda mill-ADT. Is-Sur Soler talab lill-Kunsill indikazzjonijiet ċari tat-triq u l-ħin li l-Kunsill irid li jsiru dawn it-testijiet. Il-Kunsill qabel illi jinforma lis-Sur Soler sabiex dawn it-testijiet isiru ftit `l isfel minn Pjazza l-Għejjun.

L-Uffiċċju Elettorali bagħat korrispondenza dwar ir-Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B`Diżabilita' nfurmat lill-Kunsill illi bdiet titlob ħlas ta` Lm5 għal kull applikazzjoni tal-*Blue Sticker*, sew jekk applikazzjoni ġdida kif ukoll tiġdid t`applikazzjoni. Għaldaqstant il-Kummissjoni bagħtet applikazzjonijiet ġodda bit-tibdiliet li saru.

Id-Diviżjoni għall-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru għall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni bagħtet formoli għall-Liċenzi tal-Kummerċ.

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta approvat il-permess għal sena tar-*reserved parking* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili ta` Ms. Marie Chantelle Bugeja. Il-Kunsill qabel illi jitlob lis-Sur Louis Portelli sabiex jagħmel dan ir-*reserved parking*.

Id-Dipartiment għall-Kura Primarja bagħat korrispondenza bis-suġġett l-*Influenza Vaccine Campaign 2006*.

Id-Direttur tal-*Customer Services* fil-Ministeru għal Għawdex bagħtet kopja t`ittra anonima li rċeviet dwar il-ħaddiema li jaħdmu mal-Kunsilli t`Għawdex f'ġonna pubbliċi, bankini, etc. Il-Kunsill qabel illi jaqra din l-ittra lill-ħaddiema assenjati miegħu.

Il-Ministeru ta` l-Edukazzjoni bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Premju Ħaddiem tas-Sena'.

Is-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar l-elezzjoni biex jinħatar Kumitat Eżekuttiv ta` l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dwar din l-elezzjoni ntbagħtu wkoll applikazzjonijiet.

Ms. Romina Scerri bagħtet korrispondenza dwar il-*vacation leave* tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Ms. Deborah Spiteri mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet korrispondenza lill-Kunsill dwar id-devoluzzjoni ta` parti mill-*Playing Field* fi Triq tal-Għajn. Il-Kunsill ġie mitlub jimla formola ġdida skond kif titlob Memo 25/99. Is-Sindku qal illi għandha tintalab din id-devoluzzjoni li fuqha m`hemmx Qorti mingħajr ma tiġi rifjutata l-parti l-oħra mitluba, jiġifieri l-fondi 190 u 191 fi Triq tal-Għajn. Il-Kunsill qabel.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.
Il-MEPA ser torganizza seminar bis-suġġett *"Air Quality in the Maltese Islands: how we can improve"* nhar l-Erbgħa, 4 t`Ottubru 2006 fil- *Westin Dragonara Resort* f`San Ġiljan.
Dwar l-iskema ta` l-irranġar tal-galleriji fil-Fontana l-MEPA nfurmat lill-Kunsill li ħadet nota tat-talba u din tiġi kkunsidrata meta l-iskema tinfetaħ għal postijiet oħra partikolarment minħabba l-viċinanzi ta` l-*Urban Conservation Area* tal-lokal ma` dik tal-belt Victoria.
Il-MEPA bagħtet avviż t`infurzar fi Triq l-Isptar San Ġiljan.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar talbet aktar informazzjoni dwar applikazzjonijiet pendenti li huma PA 01535/06, PA00965/06 u PA00966/06.
Dwar l-applikazzjoni tar-restawr tan-niċċa fi Triq tal-Għajn, il-MEPA bagħtet *Development Permit Application Report.*
Il-Perit Ivana Farrugia bagħtet *addenda* lill-MEPA dwar il-*method statement* għat-tindif tal-Wied tax-Xlendi fil-konfini tal-Fontana.
Il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar tal-MEPA informa lill-Kunsill li l-qari tad-deċiżjoni ta` l-appell Nru. ECF 756/03 ser isir fis-27 ta` Settembru 2006 fis-1.30p.m. fil-Floriana.
Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza dwar attivitajiet kulturali minn Novembru 2006 sa Jannar 2007.
Is-Sur Formosa bagħat ukoll dwar aċċessibilita' nformatika speċjalment f`dawk l-*areas* l-aktar remoti.
L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet korrispondenza dwar id-depositi ta` ammonti fir-rigward ta` l-*LES On-Line Payments System* għax-xhur April-Ġunju 2006.
Inqrat Ċirkulari AKL 44/2006 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Paul Carachi, ex-Kunsillier fil-Kunsill Lokali Balzan.
Inqrat Ċirkulari AKL 45/2006 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Joseph Zammit, missier il-Viċi-Sindku George Zammit tal-Kunsill Lokali Xewkija.
Inqrat Ċirkulari AKL 46/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki – Majjistral il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006.
Inqrat Ċirkulari AKL 47/2006 dwar Talba għall-ġemellaġġ *ARTENA Province of Rome.*
Inqrat Ċirkulari AKL 48/2006 dwar l-Universita' tat-Tielet Eta'.
Inqrat Ċirkulari AKL 49/2006 dwar Talba għall-ġemellaġġ ma` *Braila County*, ir-Rumanija.
Inqrat Ċirkulari AKL 50/2006 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Anthony Sultana, missier il-Kunsillier Joseph Sultana fil-Kunsill Lokali ta` San Lawrenz.
Inqrat Ċirkulari AKL 51/2006 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Maria Farrugia, omm il-Kunsillier Salvatore Farrugia fil-Kunsill Lokali ta` Ħal Lija.
Inqrat Memo 25/2006 dwar *Reserved Parking* għall-Persuni b`Diżabilita'.

## Mistoqsijiet

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa x`ġara mill-mattoncina li kien hemm fi Triq il-Kardinal A. Franchi meta nqala` arblu mill-Korporazzjoni EneMalta. Is-Sindku nfurmah illi hu ordna lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jiġbruha peress li setgħet tinsteraq. Peress li għaddew ġimgħat u l-kuntrattur tal-Korporazzjoni EneMalta ma rranġa xejn għalkemm kien mitlub, huwa bagħat lill-ħaddiema tal-Kunsill u rranġaw il-bankina huma.

Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 30.00,0 |
| Perit Walter Portelli | Lm 230.10,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm 59.00,0 |
| *Stencil Pave Limited* | Lm 117.53,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 127.30,0 |
| *S&R (Ħandaq) Ltd.* | Lm 56.64,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm 205.00,0 |
| *OS3* | Lm 102.66,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| Fortunato Mifsud | Lm 7.00,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm 4.03,0 |
| *Cassar Pet & Hobby* | Lm 12.25,0 |
| *Francis Caruana (Gozo) Ltd.* | Lm 16.40,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm 70.74,0 |
| Charlene Grima | Lm 165.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 546.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 20.00,0 |
| Victor Attard | Lm 123.81,0 |
| Dorothy Pisani | Lm 135.00,0 |
| George-Sam Mizzi | Lm 135.00,0 |
| Total | Lm2170.09,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 16/2005 ġiet approvata.

Ilmenti/Suġġerimenti

Is-Sur Jude Sacco ta` 1-2 Triq Wied Siekel bagħat ilment lill-Kunsill dwar art skedata li hija proprjeta' tiegħu u għalkemm ġibed l-attenzjoni kemm il-darba tal-MEPA baqa` kollox l-istess. Għaldaqstant talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jinforma lill-MEPA biex jittieħdu passi. Huwa bagħat ukoll żewġ ritratti ta` kif inhi l-art fil-preżent. Il-Kunsill qabel illi jibgħat kopja ta` dan l-ilment flimkien mar-ritratti lill-MEPA sabiex tittieħed azzjoni.

Is-Sinjura Cecil Attard ta` 282, Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex jiġi rranġat bit-tarmak wara l-bieb tagħha peress li meta tagħmel ix-xita bil-karozzi l-ilma li jkun hemm forma ta` għadira itir għall-bieb. Il-Kunsill qabel illi jsir il-*patching*.

Is-Sur John-Mark Vella ta` *"Sweet Valley"*, Triq San Martin talab lill-Kunsill sabiex jiġi mogħti saff żgħir ta` tarmak mill-bankina għal nofs it-triq b`tali mod li l-ilma jibqa` nieżel u

ma jibqax jinġema`. Is-Sur Vella ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi diġa saru żewġ ilmenti lill-Kunsill, wieħed lill-amministrazzjoni ta` qabel u ieħor lil dan il-Kunsill li għadhom pendenti. Is-Sindku qal illi l-Kunsill preċedenti kien iddeċieda li jagħmel trinka żgħira taħt il-bankina biex l-ilma jkun jista' jiskula iżda hu ma kienx aċċetta, wara saret stima tat-tarmak li kienet ta` Lm1200. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Paul Zahra jagħmel stima ta` dan ix-xogħol.

Il-Kunsiller Lorry Apap qal illi hemm bżonn illi jsir tindif quddiem *plot* mhux mibnija fil-bidu ta` Triq Għajn Tuta. Il-Kunsill qabel illi dan it-tindif isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn residenti fi Triq Wied Siekel biex isir sinjal isfar tul it-triq kollha n-naħa ta` fejn mhux mibni. Dan qed jintalab peress li qed ikun hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat bil-konsegwenza li peress li t-triq hija dejqa ma jkunx hemm passaġġ liberu għat-traffiku speċjalment l-i*scammel* tal-ġbir ta` l-iskart. Il-Kunsill qabel illi jitlob il-permess biex isir lill-A.D.T.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jikteb lill-A.D.T. sabiex jingħata permess biex isiru sinjali sofor fil-kantuniera fi Triq John Gaspard Le Marchant sabiex ikun hemm maniġġjar aħjar tat-traffiku.

Il-Kunsillier Anthony Cassar staqsa jekk il-bankina li qed issir fi Triq ta` Mulejja hix ser tibqa' ddur għal fejn il-garaxxijiet għar-raġuni li s-Sur Benny Cutajar talbu sabiex issir rampa bil-*paving-blocks*. Is-Sindku wieġbu illi l-bankina illi ġiet ordnata lid-Dipartiment tad-Distretti ma tinkludix dik il-parti. Is-Sindku qal illi jekk issir mportanti li ma tiġix tiżloq. Il-Kunsill qabel illi ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

<u>Materji oħra</u>

Is-Sindku ppropona li terġa` ssir il-kompetizzjoni t`*essays* u tal-pittura għal 'Jum il-Fontana' bħal ma sar is-sena l-oħra. Huwa ssuġġerixxa li għal din l-okkażjoni ssir ukoll ħarġa għat-tfal f`Għawdex. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sallum l-*belisha lights* ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili għadhom ma nxtelgħux kif ukoll li reġa kien hemm ħafna dewmien biex ġie rranġat *floodlight* fuq il-Knisja. Dan minbarra li nbidel wieħed li kien għadu tajjeb u jixgħel minflok dak li kien irrapurtat u ħareġ kont ta` Lm48.25,0. Is-Sindku qal li dan m`għandux jitħallas. Il-Kunsill qabel. Dwar dan id-dewmien saru diversi telefonati lill-*Contracts Manager Galea & Curmi*. Is-Sindku talab lill-*Contracts Manager* sabiex il-kuntrattur iġib il-materjal użat.

Dwar il-*parking-bays* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, s-Sindku qal illi huwa għamel lista minn fuq ir-Reġistru Elettorali ta` dawk li għandhom l-I.D. f`din it-triq. Huwa staqsa jekk l-ittra hix ser tintbagħat lil min hu rreġistrat biss jew min għandu wkoll proprjeta' hemm u mhux irreġistrat hemm. Peress li ma kien hemm l-ebda kumment ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

Is-Sindku nforma li l-Kunsill reġa` applika għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja flimkien mal-Kunsilli Lokali ta` l-Għarb, Xagħra u Qala dwar diversi restawr fil-lokalita'. Din l-applikazzjoni kien hemm żmien limitat sakemm tintbagħat u peress li ma kien hemm l-ebda spejjes intbagħtet fiż-żmien stipulat.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għaċ-ċerimonja ta` 'Jum il-Vitorja' li saret fi Pjazza Indipendenza fejn f`isem il-Kunsill poġġa kuruna. Din iċ-ċerimonja kienet ippreseduta mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Ġiovanna Debono. Attenda wkoll għaċ-ċerimonja tat-tifkira

ta` l-Indipendenza li saret fl-istess Pjazza. Din kienet ippreseduta mill-Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi.

Is-Sindku attenda għall-laqgħa fiċ-ċentru tal-għaqdiet mhux governattivi fix-Xewkija mal-uffiċċjali responsabbli mill-proġett *'Leader'* tal-Unjoni Ewropeja. Dan ser ikun għas-snin 2007-2013. Dan il-proġett hu wieħed rurali, fejn kemm individwi u għaqdiet mhux governattivi u Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jibbenefikaw.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li s-Sur Michael Bugeja m`aċċettax li jagħmel ix-xogħol tad-dawl tal-fanali ta` l-Isqaqien. Ġie avviċinat is-Sur George Zammit ta` *Zammit Aluminium* li aċċetta li jaħdimhom. Dwar it-tmien fanali l-oħra li tlestew dan l-aħħar is-Sindku staqsa fejn ser jitwaħħlu. Sar qbil li jkomplu jitwaħħlu tnejn fi Triq Għajn Tuta u l-oħrajn fl-Isqaqien ta` Triq tal-Għajn.

Hu nforma wkoll lill-Kunsill li twaħħlu 33 qasrija tal-ġebel fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Jonqos li s-Sur Joe Muscat jagħmel 7 oħra li ser jitwaħħlu l-ġimgħa d-dieħla. Is-Sindku ppropona li jiġu ordnati tlieta oħra twal għal fuq il-balavostri tal-*belvedere* ta` l-Għajn ta` Bendu minflok dawk eżistenti li huma tal-plastik. Il-Kunsill qabel.

Is-Sinjura Dolora Zammit ngħatat żewġ qsari ġodda, filwaqt dawk li kellha kbar tqiegħdu taħt ir-*railing* l-isfel mill-Knisja.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li nxtara *safety shoes* lill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wieħed mill-ħaddiema, Joe Camilleri, rraporta għax-xogħol ħafi. Ttieħed parir fejn il-Kunsill ġie nfurmat li jekk jiġi mingħajr is-*safety shoes* għandu jintbagħat lura. Huwa ħa parir wkoll mingħand tal-*Health & Safety* x`irid jinxtralhom aktar. Iridu jinxtraw ingwanti, ġakketta *fluorescent*, *cones* u jekk ikun hemm ħafna xogħol ta` żebgħa *respirators*. Il-Kunsill qabel illi jinxtraw.

Dwar xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill tkompla jsir manutenzjoni ta` sinjali ta` żebgħa tat-toroq, tindif u tisqija tal-*Playing Field* u qsari, għoti ta` *sealer* ta` taħt ir-*railing* u xogħolijiet oħra.

Tlestiet ukoll il-bankina li ordna l-Kunsill lid-Dipartiment tad-Distretti fi Triq ta` Mulejja, kif ukoll tgħattiet ir-*reserved parking* li kienet saret lil Ċelestino Grech fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Tkissret ukoll il-plakka bl-isem tat-triq ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Ġiet ordnata oħra għand l-*Alka Ceramics*.

Saret ukoll il-ħarġa tat-tfal organizzata mill-Kunsill. Żorna l-Forti San Luċjan f`Marsaxlokk fejn hemm iċ-Ċentru ta` l-Akwakultura, Delimara, *Limestone Heritage* u Għar Lapsi fis-Siġġiewi, Wied iż-Żurrieq fejn it-tfal ittieħdu bid-dgħajjes fl-għerien tal-*Blue Grotto* u oħrajn, kif ukoll l-irdumijiet ta` Ħad-Dingli. Attendew 45 tfal u adulti fosthom is-Sindku, l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku attenda għall-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali. Ġiet diskussa l-kampanja t`edukazzjoni li qed issir. S`issa ngħataw 9 ċitazzjonijiet.

Is-Sindku qal illi kellem lis-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* dwar il-*camera* għall-Għajn ta` Bendu fejn offrilu li titqabbad ma` tiegħu. Dan qalli illi spejjez hemm madwar Lm30 biex tinxtara l-*camera*. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li jitwaħħlu tabelli li jindikaw li l-Għejjun huma mmoniterjati. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal ukoll li għandha tintbagħat ittra lir-residenti ta` Triq ta` Mulejja biex tinfurmahom li l-MEPA ħassret tarf din it-triq u jista jsir il-*belvedere*. Dan għar-raġuni li fis-sena 2000 il-Kunsill kien bagħtilhom ittra ta` konsultazzjoni fejn il-maġġoranza kienu qablu li t-triq għandha titħassar.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li talab biex issir laqgħa bejn il-Perit Attard Montalto u l-Perit Valerio Schembri dwar il-pjanta tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku peress li għal darba oħra

m`għaddietx mill-Perit Schembri li hu mqabbad mill-Kummissjoni Persuni b`Diżabilita'. Għal din il-laqgħa kellha titħallas is-somma ta` Lm18 lill-Kummissjoni Persuni b`Diżabilita'. Dwar ir-restawr tal-Għajn il-Kbira s-Sindku qal illi l-Perit John Saliba sab bennej biex jirranġa l-ħnejja tal-faċċata tal-Għajn, fejn irid jinbidel il-ġebel li tmermer. Dak il-ħin saret telefonata mal-Perit Saliba li qal li dan il-bennej lest li jaħdimha għall-prezz ta` Lm3.50,0 + Vat is-siegħa u materjal għall-Kunsill. Dawn jiġu Lm4.13,0 is-siegħa. Il-Kunsillier Lorry Apap talab sabiex dan jagħtiha bil-miktub. Is-Sindku qal illi bil-prezz ta` Lm3.50,0 huwa jaf li Nicky Saliba lest li jaħdimha. Dak il-ħin is-Sindku għamel kuntatt miegħu bit-telefon fejn stiednu jattendi għall-laqgħa. Nicky aċċetta li jiġi dak il-ħin stess. Is-Sindku spjegalu x-xogħol li hemm bżonn isir u Nicky qal illi hemm ix-xogħol iżda lest li jaħdimha bi Lm3.50,0 Vat inkluża s-siegħa bil-materjal għall-Kunsill u jista` jibda jaħdem fi żmien ħmistax. Il-Kunsill qabel. Ix-xogħol irid isir taħt id-direzzjoni tal-Perit. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi din il-kwistjoni ilha għaddejja ħafna żmien u staqsa lil Nicky kemm ser jieħu bis-siegħa u *lump-sum* kemm ser tiġina. Huwa qal illi din il-linja tiegħu u ma jridx ikun *watch-dog* ta` ħadd u fuq ħadd. Is-Sindku qal illi kif inhu l-prezz huwa tajjeb. Nicky Saliba qal li qabel irid imur fuq il-post biex jara kemm xogħol hemm u jagħti *lump-sum*. Sar qbil li jmur wara li tispiċċa l-laqgħa flimkien mas-Sindku.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li nhar is-Sibt, 2 ta` Settembru 2006 fil-10.45 ta` filgħodu fil-preżenza ta` xhieda ġie nsulentat u mhedded mis-Sur Joe Farrugia li joqgħod *'Church View'* Triq ta` Mulejja, Fontana dwar il-ħlas tal-kors *computer beginners* li organizza l-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel rapport lill-Pulizija biex jittieħdu passi kontra s-Sur Farrugia. Huwa qal li ser iqabbad lill-Avukat Chris Said għal dan il-każ.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 31 ta` Ottubru 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |